# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 36**

**26 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**36.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija ta' din il-laqgħa. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Ġew ippreżentati l-minuti numru 33, 34, 35 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati unanimament.

**36.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**36.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

36.4.1 Is-Sindku informa lil Kunsill li saret il-harga ghan-"Notte Bianca" u attendew 53 persuna inkluz is-Sindku. Huwa informa li ghall-harga tal-Hadd li imiss hemm madwar 36 persuna miktuba biex jattendu. Ser inzuru il-monti ta' hdejn Bieb il-Bombi, il-kappella Medjevali ta' Hal Millieri fiz-Zurrieq, hin liberu ftas-Sliema u il-Madliena.

36.4.2 Il-Kunsill gie infurmat li hemm bzonn jitrangaw zewg *flood lights* li hemm mal-kampnar in-naha ta' fuq nett.

36.4.3 Is-Sindku fakkar lil-Kunsill li hemm bzonn li nergghu ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghall-Ghawdex sabiex jinbidlu 3 tabelli tan-*"No Waiting"* fi Triq il-Ghajn. Saret ukoll it-talba sabiex tinbidel tabella tal-*speed* ta' 35km/hr *zone*.

36.4.4 Il-Kunsill gie mgharraf li nhar l-Erbgha li gej ser isiru il-kuntratti mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex isir ix-xoghol tal-Porfido fi Triq ta' Mulejja (wara is-sangristija) u f'parti minn Trejqet ic-Centru Parrokjali.

36.4.5 Saret il-manutenzjoni fuq il-fili fl-ghejjun mill-haddiem tal-Kunsill.

36.4.6 Is-Sindku informa li attenda ghall-laqgha tar-Regjun Ghawdex il-gimgha li ghaddiet.

36.4.7 Hemm bzonn li jigi installat id-dawl fiz-zebra crossing il-gdida ta' Triq il-Kappillan Hili mill-kuntrattur qabel ma ninfurmaw lil IMU sabiex issir iz-zebgha fit-triq. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.4.8 Is-Sindku informa lil Kunsill li ix-xoghol ta' qtugh tal-haxix hazin fi Triq Wied Siekel sar mill-haddiem li qabbad il-Kunsill.

36.4.9 Il-Kunsill gie mgharraf li saret it-tilqima tal-influwenza lil 22 persuna fis-sala tal-komunita'.

36.4.10 Is-Sindku informa li il-ktieb tal-Kunsill qieghed fi stat avvanzat ta' xoghol ta' qabel jigi stampat wara Jum il-Fontana sabiex ix-xogholijiet tal-monument li ser jigi inawgurat dak inhar. Ix-xoghol fuq l-istatwa tal-bronz tal-Qalb ta' Gesu' ta' l-istess monument jonqsu biss xi ftit xoghol ta' irfinar kif ukoll li l-kors tal-lifelong learning tal-patchwork qieghed isir fis-sala tal-komunita'.

36.4.11 Il-Kunsill gie infurmat mis-Sindku li dahal appell minn kumpanija li tefghet l-offerta ghall-fanali f'diversi toroq li inghatat fil-laqgha precedenti, filwaqt li infurmahom ukoll li ser jigi iffirmat il-kuntratt ghas-26 fanal tat-toroq Alessandro Franchi u John Gaspard le Merchant lil kumpanija Mica Med. Dawn il-fanali ghandhom jitwahhlu mill-kuntrattur tad-dawl imqabbda mill-Kunsill.

36.4.12 Is-Sindku ikkomunika li il-perit li gie imqabbad mill-Kunsill infurmah li ser jaghmel il-*method statement* dwar l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li hemm fil-faccat tal-Knisja Parrokkjali waqt li ikun qed isir ix-xoghol tar-restawr fuq il-faccata tal-Knisja.

36.4.13 Is-Sindku ippropona li isiru 4 arbli tal-*stainless steel* ta' madwar 8 metri sabiex jitwahhlu mal-hajt bejn is-sala tal-komunita' u it-*telephone box*. Ma dan is-suggeriment zdied ukoll li hemm bzonn isiru 4 bnadar godda. Il-Kunsill qabel unanimament li isiru.

36.4.14 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill li saret laqgha ma tal-insurance sabiex jitranga l-isem tas-Segretarju Ezekuttiv precedenti u minflok jitnizzel isem l-iskrivan. Il-Kunsill irid jivverifika is-suggeriment li tah il-haddiem tal-kumpanija tal-assigurazzjoni li l-*assets* li il-Kunsill ghandu barra mill-ufficini ma jkunux assigurati. Il-manager tal-assigurazzjoni taghna parir li naghmlu timbru fuq ic-cheques sabiex ma jkunux jistghu jigu iddepozitati minn terzi persuni mhux awtorizzati u il-Kunsill qabel li dan isir specjalment ghax huwa xi haga li tiehu hsieb propjeta' tal-Kunsill u residenti.

36.4.15 Dwar l-iskadenza tal-kariga tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv minn naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali billi spicca iz-zmien tal-pool, il-Kunsill qabel li

jistenna' li tiggedded il-pool sakemm id-Deputat ghadha fil-kariga u ghalhekk mhux ser javviccinaw Segretarju Ezekuttiv iehor sa dan it-tant.

**Il-laqgħa ġiet sospiża fil-6:33pm u reġgħet kompliet fil-6:37pm**

## 36.5 Ħaddiema tal-Kunsill

Giet diskussa l-email mibghuta mill-Community Workers Scheme biex jittiehed l-uniku haddiem li baqa' biex jaghmel xoghol ta' tindif u manutenzjoni wara li f'Novembru tas-sena l-ohra gie mehud haddiem iehor li kellna u ma ntbghat hadd minfloku biex jaghmel ix-xoghol tieghu minkejja li il-Kunsill talab diversi drabi. Is-Sindku qal li dan il-haddiem li baqa', qieghed fuq *pilot project* mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali dwar kif isir it-tindif ta' diversi rhula f'Ghawdex b'din l-iskema. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jekk jintbghat xi hadd iehor minfloku ma isib l-ebda diffikulta, biex dan il-haddiem jigi mibdul, izda mhux ser jaccetta li jittiehed minghajr ma jintbghat hadd minfloku. Il-Kunsill qabel ukoll li ikompli jitlob biex jintbghat haddiem iehor minflok dak li ittiehed madwar sena ilu. Is-Sindku qal li l-proposti tal-A.K.L. kienet li Kunsill ta' 5 Kunsilliera ikellu 3 haddiema ta' l-iskema. Il-Kunsill qabel li jqabbad haddiem privat li jaghmel xoghol ta' tindif ta' toroq u knis ta' haxix meta ikun hemm bzonn.

## 36.6 Hruġ ta' Offerti

Kien hemm qbil sabiex il-Kuntratt tal-ġbir ta' skart jiġġedded għal xahar ieħor.

Is-Sindku ippropona lil Kunsill biex dik il-parti tal-hajt fi Triq ix-Xlendi, li huwa tal-kantun u l-offerta' ghalih biex isir bil-gebel tas-sejjieh li kienet *over budget*, jigi mibni *b'direct order* bil-gurnata tax-xoghol mifteghma. Il-materjal jixtrieh il-Kunsill kif ukoll ihallas ghall-uzu tal-*bobcat* meta ikun hemm bzonn. Huwa qal li kellem haddiem li jibnieh bi prezz ta' €80 fil-gurnata ghalih u €70 ghal-lavrant inkluz il-VAT. Il-Kunsill qabel li itih dan ix-xoghol.

Il-Kunsill qabel li johrog it-*tender* tal-*airconditions* tas-sala tal-komunita'.

Il-Kunsill gie infurmat mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv li il-kuntratti tal-gbir ta' l-iskart goff skada. Il-Kunsill qabel li mhux ser johrog kuntratt gdid izda juza id-*direct order* peress li l-ispiza hija ta' madwar €1000 fis-sena.

Kuntratt iehor li ser jiskadi huwa tat-tindif tal-latrini u il-Kunsill qabel li dan jigi imgedded ghal sena ohra billi dan jista' jiggedded sa massimu ta' 4 snin.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li l-iskrivan tal-Kunsill ser joghla b'notch fis-salarju tieghu u li il-kuntratt qieghed f'idejn l-avukat sabiex jigi ivverifikat qabel isir l-iffirmar.

**36.7 *Items* ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġa**

Il-Kunsill gie imfakkar mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv li nhar il-11 ta' Novembru ser issir tifkira qasira ghall-anniversarju tal-100 sena mill-armistizju. Waqt it-tifkira ser tindaqq mota bil-qniepen, kif ukoll ser titqabbad persuna sabiex idoqq il-kurunetta biex tindaqq il-*Last Post*. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv hadet l-inizjattiva li taghmel 100 tifkira zghira b'simbolu tal-100 sena, forma ta' santa bil-*poppy* imwahhla maghha li ser titqassam lit-tfal tal-lokalita' waqt il-lezzjonijiet tad-duttrina u ukoll ghan-nies tal-lokalita'.

**<u>Gieh il-Fontana</u>**

Ghat-trofew ta' Gieh il-Fontana gew innominati:-
Is-Sindku innomina lil mibki Mons. Guzepp Bajada li hadem ghall-snin twal bhala prokuratur tal-festa kif ukoll hadem bla heda biex titkabbar il-Knisja Parrokkjali bil-bini tan-navi. Hu dejjem stinka sabiex l-istima tal-Fontana tigi il-quddiem.

Il-Kunsillier Mario Mercieca innomina lil Kummissjoni Zaghzagh.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li Mons. Bajada hadem hafna ghall-parrocca u li jixtieq jirringrazja ghax-xoghol lil Kummissjoni Zaghzagh u jinkoriggijhom ghall-futur.

Wara li ittiehed vot; il-vot gie hekk:-
Mons. Guzepp Bajada – Is-Sindku Saviour Borg, Victor Cefai u Carmel Farrugia
Kummissjoni Zaghzagh – Mario Mercieca u Horace Micallef sabiex jirringrazzjahom u jaghmlilhom il-kuragg sabiex iwettqu aktar xoghol fil-futur.

Ghal daqs tant Gieh il-Fontana ser jinghata lil mibki Mons. Guzepp Bajada.

Wara il-vot ta' Gieh il-Fontana, il-Kunsill iddiskuta xi materji ohra li ghandhom x'jaqsmu ma' Jum il-Fontana. Giet diskussa li il-Kappillan baghat lil Kunsill rigward il-mizata ta' €20 ghad daqq tal-orgni kif ukoll €10 ghall-quddiesa ta' radd il-hajr.

Wara il-quddiesa ser isir l-inawgurazzjoni tal-monument kif ukoll tqieghid tal-kuruni mal-istess monument u ma dak tas-sajjieda. Waqt l-inawgurazzjoni tal-

monument is-Sindku propona li isir xi loghob tan-nar fosthom salut, 6 murtaletti u 20 ballun ghand il-kamra tan-nar Qalb ta' Gesu Fontana Brothers. Il-Kunsillier Carmel Farrugia ma hax sehem fid-diskusjoni u astjena minhabba kunflitt ta' interess. Il-membri l-ohra tal-Kunsill qablu li isir dan ix-xoghol tan-nar.

Dwar is-serata li issir fis-sala tal-Komunita', il-Kunsill qabel li ikun hemm id-daqq u kan bhas sena li ghaddiet. Fl-4 ta' Dicembru ser issir harga socjo-kulturali ta' nofs ta' nhar f'Ghawdex, fejn ser ikollna quddiesa fil-Knisja tal-Madonna taz-Zejt gewwa l-Gharb, wara ser izuru il-muzew ta' Karmni Grima u imorru jieklu fl-ITS il-Qala ghall-prezz ta' €7 li ihallsu ir-residenti. Ser issir ukoll wirja tal-arti fis-sala tal-komunita' b'donazzjoni mil-qliegh ta' kwalunkwe bejgh ghall-*Community Chest Fund*.

Ser issir harga ohra socjo-kulturali fid-9 ta' Dicembru gewwa Malta fejn ser izuru knisja minjatura replica tal-Knisja Kolleggjata ta' Bormla li tinstghab f'Rahal il-Gdid, wara jmorru il-Christmas Market ir-Rabat, Malta kif ukoll il-festa tal-Kuncizzjoni fl-inhawi ta' Wied Gerzuma fir-Rabat, Malta.

Dwar il-harga fi Sqallija li kienet ser issir fil-15 u 16 ta' Dicembru, is-Sindku informa lil-Kunsill li l-organizzatur li kien inkarigat infurmah li mhux possibli issir dakinhar peress li huwa ibbukkjat u l-prezzijiet mitluba tal-ajru huma gholjin hafna peress li id-dati qieghdin qrib festa pubblika. Is-sindku qal li talab stima minghand kumpanija ohra ghall-dan *Weekend Break*.

**36.8 Ilmenti u Komunikazzjonijiet**

36.8.1 Email minghand l-ufficcju tas-Sinjura Michelle Muscat, mart il-Prim Ministru sabiex tinfurmana li ser taghmel zjara fil-lokalita' taghna billi hadna sehem fil-*Pink October*, imma fil-gurnata kien il-maltemp u fl-ahhar ftit hin gejna infurmati b'telefonata li l-appuntament ser jithassar, peress li Pjazza tal-Ghejjun ikun hemm hafna ilma tax-xita u ikun ta' periklu.

36.8.2 Ċirkulari numru 117/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'CSR Day ġewwa Dar Papa Franġisku Birkirkara'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.3 E-mail mingħand Regjun Ghawdex sabiex jistieden lis-Sindku u Kunsilliera biex jattendu ghall-attivitajiet ta' Jum Ghawdex nhar il-Hadd 28 t'Ottubru. Il-Kunsill innota il-kontenut.

36.8.4 E-mail mill-Uffiċċju tal-President b'informazzjoni dwar is-*Solidarity Fun Run* li ser issir nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.5 E-mail mingħand DPF Funds rigward il-kuntratt tat-toroq tal-LC Funds li ser ikopru xoghol fit-Triq ta' Mulejja wara is-sangristija u Trejqet ic-Centru Parrokjali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.6 E-mail mingħand *greenskipgroup* rigward il-bins li ser jitqassmu fil-lokalitajiet ta' Malta u Ghawdex. Talbitna post fejn jistghu jitqassmu il-bins u ahna offrejna is-sala tal-komunita' sabiex ix-xoghol isir f'post ghall-irdoss mil-maltemp. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.7 Ċirkulari numru 118/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Team Up to Clean Up – Foss ta' Ħaż-Żabbar'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.8 Ċirkulari numru 119/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Laqgħa Plenarja Straordinarja 27/10/18'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.9 Ċirkulari numru 120/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Protest Ġudizzjarju ta' Refab Light Blue Partnership'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.10 Ċirkulari numru 121/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Tħawwil ta' Siġar f'Għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.11 E-mail mingħand Ciro Ascione u Brian Cardona, rappreżentanti tal-kumpanija Refab Light Blue Partnership, li fiha qed jistaqsi lill-Kunsill dwar il-possibilita' li jiġi installat *clothes bank* fil-lokalita' bil-għan li r-residenti jkollhom post fejn jistgħu jarmu ħwejjeġ użati. Il-Kunsill qabel li ma ghandniex fejn isiru il-clothes bank jekk jigu f'data fissa.

36.8.12 E-mail mingħand Christina Axiak, rappreżentanta tal-Fergħa ta' Għawdex tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, b'informazzjoni dwar

servizz ġdid ta' assistenza soċjali ta' emerġenza li qed tniedi l-Fondazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.13 Ittra mingħand Dr. Joseph Sammut, kandidat prospettiv għall-Elezzjoni tal-Membri Parlamentari Ewropej f'Mejju 2019, li fiha qed jitlob laqgħa mal-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.14 E-mail mingħand Regjun Ghawdex biex jistieden lil Kunsill ghall-laqgha fejn ser tigi diskussa il-White Paper tal-Kunsilli Lokali nhar it-23 ta' Novembru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.15 Ċirkulari numru 122/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Heritage Trail'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.16 Ċirkulari numru 123/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Parking spots in your locality for the national car sharing project'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.17 Ċirkulari numru 124/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Jum Dinji tat-Tfal'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.18 Ittra mingħand l-Agenzija Sapport rigward il-progett INK sabiex persuni b'dizabilta' fil-lokalita' jidhlu fid-dinja tax-xoghol. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.19 E-mail mingħand il-community workers scheme sabiex jinghatawlhom il-performance reports tal-haddiema taghhom. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.20 Ċirkulari numru 132/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Gbir tal-Kontenituri tal-iskart. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.21 Ittra mingħand il-President tal-Moviment Kerygma, b'informazzjoni dwar il-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2018. L-applikazzjonijiet għal dan il-premju jistgħu jiġu sottomessi sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.22 Ċirkulari numru 125/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Car Sharing Services Malta Ltd – Car2Go'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.23 E-mail mingħand rappreżentant tal-kumpanija *GoTo*, li fiha qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex isir *parking space* bħala parti mill-proġett nazzjonali ta' *national car sharing.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.24 Ċirkulari numru 126/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Minuti Laqgħa Plenarja 07/07/18'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.25 E-mail mingħand Andrea Saliba, rappreżentanta tal-Fondazzjoni OASI, li fiha qed tistieden rappreżentant/a tal-Kunsill sabiex jattendi għal taħdita informattiva nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru fil-11am fl-uffiċini tal-istess Fondazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.26 Ċirkulari numru 127/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Laqgħa mas-Sindki, Membri tal-Kunsill u Segretarji Eżekuttivi'. Din il-laqgħa ser issir nhar l-Erbgħa 31 ta' Ottubru fil-5.30pm fis-Sala tal-Assoċjazzjoni, il-Marsa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.27 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar it-tnedija tal-*white paper* dwar ir-Riforma tal-Gvern Lokali u proċess ta' konsultazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.28 Ċirkulari numru 128/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Preżentazzjoni Laqgħa Plenarja'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.29 Ċirkulari numru 129/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Playing fields magħluqa fil-Lokalitajiet'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.30 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha d-Dipartiment qed jistieden rappreżentant/a mill-Kunsill sabiex jattendi għal sessjoni informattiva dwar il-programm *LIFE* li ser issir nhar il-Ħamis 1 ta' Novembru 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.31 Email minghand Wasteserv sabiex isir l-iffirmar tal-kuntratt maghhom sabiex isir il-gbir ta' l-iskart organiku u jimborzjaw tlett gabriet kull gimgha lura lil Kunsill. Il-Kunsill qabel li jigi iffirmat il-kuntratt.

36.8.32 Email minghand l-Inginier ta' Galea Curmi li gie imqabbad biex jaghmel ix-xoghol fuq is-sala tal-komunita' minhabba is-sahha tal-airconditions, fejn qieghed iressaq id-dettalji ghal-tender biex jinxtara' l-apparat. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li isir dan ix-xoghol.

36.8.33 Ċirkulari AKL 129/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn jghaddu xi informazzjoni rigward il-process ta' kif ghandu isir ix-xoghol biex jitwahhlu *bus shelters* godda. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.34 Email minghand l-ERA fejn tinforma li hemm sistema gdida online ta' kif taghmel il-*Consignment Notes.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.35 POC 312/2018 – Public Procurement Regulations Amendment Legal Notices

36.8.36 Email minghand l-ERA fejn tinforma lil Kunsill li mit-8 t'Ottubru l-Green MT ser terga' tibda tigbor il-borza il-griza. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.37 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn jinforma lil Kunsill li dahlet ir-raba' *tranche* tal-allokazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.38 Email minghand il-Planning Authority fejn tikkonferma li l-kuntratti tax-xoghol ta' paving bil-porfido taht ir-railing l-isfel mill-knisa ser jigu imwaqqfa kif intghalab mill-Kunsill sabiex minflokk isir dak ta' madwar il-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.39 Email minghand l-arkivji nazzjonali fejn jinformawna li l-kopji tal-Minuti tal-Kunsill tas-snin 2016, 2017 u 2018 hemm bzonn li jigu mghoddija lil arkivji kif inhi il-procedura. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.40 Email minghand il-*Community Workers Scheme* fejn jinfurmawna rigward ix-xewqa tal-haddiem assenjat mal-Kunsill tal-Fontana sabiex isirlu transfer. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.41 Email minghand kumpanija privata fejn tinforma lil Kunsill li hemm progett sabiex jigu mgharrfa postijiet fejn ser isiru parking spaces ghall-car pooling. Il-parking space fil-Fontana gie identifikat minn din il-kumpanija flimkien ma' Transport Malta quddiem il-Knisja parrokkjali.

36.8.42 Email minghand il-*Cordia String Quartet* sabiex jaghtina il-prezz ta' servizz ta' muzika u ir-repertorju taghhom ghall-Jum il-Fontana. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.43 Email minghand il-MEUSEC fejn tistaqsi il-Kunsill jixtieqx jaghmel laqgha maghhom sabiex jaraw hemmx fondi Ewropej li jistghu jibbenefikaw minnhom. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.44 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn tinforma lil Kunsill li id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ma tistax isservi wara il-bidu tax-xahar ta' Novembru billi ghalqet il-*pool*. Id-Dipartiment informa ukoll lil Kunsill sabiex isib sostitut/a ghad-Deputat. Il-Kunsill innota l-kontenut izda il-Kunsill iddecieda li jistenna' li tiggedded il-pool sakemm id-Deputat ghadha fil-kariga u ghalhekk mhux ser javviccinaw Segretarju Ezekuttiv iehor sa dan it-tant.

36.8.45 POC 88/2018 fejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jitlob jekk hemmx update fuq ir-resurfacing ta' parti ta' Triq il-Ghajn mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jigi infurmat li saret talba sabiex jinghata fondi ghaliha peress li din hija triq li taqa' taht ir-respinsabilta' tal-Gvern Centrali.

36.8.46 Email minghand Valletta 2018 fejn jinfurmawna b'attivita' li saret is-27 t'Ottubru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.47 Ittra u email minghand il-Bord ta' Governanza bid-decizzjoni taghhom. Il-Kunsill innota l-kontenut u jixtieq jinforma lil bord illi l-Agent Segretarju Ezekuttiv ta' dak iz-zmien ma gabx ghall-attenzjoni tal-Kunsill li jista' ikun hemm ksur tal-ligi jekk ma jsirx dan il-hlas.

36.8.48 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bin-Numru tar-residenti attwali fil-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.49 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn jinformana li hemm tibdil ta' address tad-Direttur tal-istrategija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.50 Email minghand il-*Planning Authority* sabiex tinfurmana li ser isir l-iffirmar tal-kuntratt sabiex isir ix-xoghol fi Trejqet Centru Parrokjali u Triq ta' Mulejja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.51 Email minghand Regjun Ghawdex rigward l-introduzzjoni tas-*Sort it Out*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.8.52 Email minghand il-kappillan sabiex jaghtina l-liturgija ta' Jum il-Fontana u biex jara' jekk il-Kunsill jixtieqx jiehu sehem fil-quddiesa.

36.8.53 Email minghand residenta fejn titlob spjegazzjoni ghala it-talba taghha ghall-hadida mat-targa fuq il-bankina ma gietx milqugha. Il-Kunsill innota il-kontenut u sostna il-pozizzjoni tieghu li il-hadida mhux ser issir peress li tkun ksur tal-ligi u ma inghatax permess mill-Awtorita' tat-Trasport. Il-Kunsillier Horace Micallef gibed l-attenzjoni li hu kien informa lil Kunsill fil-laqgha precedenti li permess mill-Awtorita' tat-Trasport mhux ser jigi mghoti minhabba il-proceduri.

36.8.54 Cirk Dipartiment tal-Gvern Lokali 40/2016 – Kodici ta' Etika ghar-raprezentanti tal-Kunsilli Lokali

**Il-laqgħa ġiet sospiża fil-7:15pm u reġgħet kompliet fil-7:25pm**

36.8.55 Email minghand il-Community Workers Scheme sabiex naghmlu il-performance reports taz-zewg haddiema assenjati mal-Fontana.

36.8.56 Email minghand is-Segretarjat tad-Dizabilita' sabiex jinforma lil Kunsill li in-nominazzjonijiet ghall-Premju Socjeta' Gusta.

36.8.57 Email minghand il-Kunsill ta' Sannat sabiex jinfurmana li hemm il-Festival tal-Muzika nhar l-10 ta' Novembru.

36.8.58 Cirk AKL 2018/133 Minuti tal-laqgha tal-Ezekuttiv numru 12.

36.8.59 Il-Kunsill gie infurmat mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv li il-kuntratt tal-iskrivan ser jiskadi lejn nofs Novembru. Hija infurmat ukoll lil Kunsill li dan qed jigi iddraftjat skont *template* tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u ser jigi mghoddi lil avukat sabiex jaghti il-parir tieghu. L-istess avukat verbalment kien ta parir legali li il-kuntratt jiskadi fil-jum billi huwa kuntratt definit izda wara ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li skond il-ftehim kollettiv dan mhux hekk. L-avukat gie infurmat li hemm collective agreement skadut imma dan kien fi zmien anqas minn tlett xhur u ghalhekk ma sarx il-performance report. Is-Sindku astjena dwar id-diskussjoni tal-kuntratt li ghandu isir, izda il-kunsilliera ma tawx opinjoni.

36.8.60 Talba minghan il-Kummissjoni Zaghzagh ghall-*no objection* sabiex jinfetah is-*shelter*, jitpoggew fjakkli u isir Milied fl-Ghejjun nhar il-15 ta' Dicembru. Il-Kunsill qabel li issir l-attivita' pero mhux li jinfetah is-*shelter* peress li mhux accessibbli u mhux sigur. Il-Kunsill informa lil organizzaturi li biex juzaw l-ghejjun ghandhom bzonn ta' permessi ohra ghaliex dan il-post ma huwiex *devolved* lil-Kunsill u huwa skedat Grad 1 u jaqa' taht l-Awtorita' tal-Artijiet.

36.8.61 Talba minghand residenta fi Trejqet Grezzja Grima sabiex issir kanna mit-Triq ghall-fuq il-bankina. Il-Kunsill ha il-pariri necessarji u irrizulta li dan ix-xoghol ma jistax isir. Il-Kunsill qabel ukoll li *railings* ohra li ma ghadx hemm bzonnhom jitnehhew. Il-Kunsill ghandu jinforma lis-sidien tar-residenzi affettwati sabiex ninfurmawhom rigward din id-decizzjoni.

**36.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-8:30p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru 2018 fil-5.30p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**